MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 875/1992/1

**Avukat Dottor Ronald D Cuschieri**

**vs**

**Albert Zammit ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Gazelle Couriers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa tnehha minn direttur u Chairman tas-socjeta' Gazelle Couriers Limited fl-1 ta' Novembru 1991 permess ta' Avviz Form K (Dokument A) li indika li kienu saru kambjamenti f'dik li hija komposizzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' Gazelle Couriers Limited u dan billi l-Kavallier Anthony Zammit irrezenja minn direttur, l-attur

gie imnehhi, Mohammed El Busefi gie appuntat Chairman u Albert Zammit u Patrick Dato Mallia gew appuntati diretturi sabiex b’ hekk l-Bord tad-diretturi tas-socjeta’ Gazelle Couriers Limited sar kompost minn Mohammed El Busefi bhala direttur u Chairman u Roger Degeatano direttur ghall-azzjonisti “B” u Albert Zammit bhala direttur u Patrick Dato Malli bhala direttur ghall-azzjonisti “A.”

Illi t-tnehhija tal-attur ma saritx ghat-tenur tal-Artikolu 123 tal-Ordinanza dwar socjetajiet Kummercjali liema Artikolu japplika u jrid jigi segwit indipendentement minn dak li jistipula s-Statut tas-socjeta’ barra li tikonsisti fi tnehhija ngusta.

Illi l-attur huwa wkoll azzjonista tas-socjeta’ Gazelle Couriers billi jippossjedi 1250 azzjoni ordinarji fi Klassi “A” tal-valur ta’ lira maltija (Lm1) l’ wiehed biex b’ hekk jikkontrolla 25% tal-pakkett azzjonarju tas-socjeta’ bi dritt vestit skond l-istatut tas-socjeta’ Gazelle Couriers Limited (Dokument B) li jahtar direttur.

Illi wara it-tnehhija irregolari, illegali u ngusta tal-attur minn direttur u konsegwenti ghal tali tnehhija, l-attur ma thalliex jidhol izjed fl-ufficini tas-socjeta u b’hekk ma jistax jikkontrolla kif qed isir l-infieq u kif qed jigi kkontrollat id-dhul bi pregudizzju serju ghall-investiment tieghu bhala azzjonista, barra li ma huwiex qieghed jircievi s-salarju u l-“allowances” l-ohra spettanti lilu bhala direttur u Chairman u barra li tilef kariga esekutitiva fis-socjeta’ b’rizultat allura li huwa qieghed ibati danni sostanzjali.

Illi di piu bi ksur tal-ligi l-attur bhala azzjonista ta’ klassi “A” tal-azzjonijiet ordinarji qieghed ikun rappresentat fuq il-Bord tad-Diretturi minn persuna li huwa la nnomina wisq aktar hatar, bi ksur tad-dritt tieghu skond l-istatut tas-socjeta’ konvenuta u b’hekk id-decizzjonijiet li qed jittiehdu bl-assens u l-konkomittanza ta’ dina l-persuna qed isiru illegalment bir-rizultat illi l-effetti ta’ dawn id-decizzjonijiet jistghu jarrekaw hsara lill-interessi tas-socjeta’ u tieghu.

Ghalhekk l-attur qed jitlob (1) li l-konvenut nomine jigi dikjarat responsabbli ghat-tnehhija irregolari, illegali u

ingusta tal-attur minn direttur u chairman u ghat-telf ta' kariga kkawzat lilu u tar-rizultati u l-effetti kollha li tali tnehhija gabet; (2) li l-konvenut nomine jigi dikjarat responsabbli tal-hatra irregolari ta' direttur li qieghed biex jirrapprezenta lill-attur bhala azzjonista tal-azzjoni fi klassi "A" meta tali hatra saret minghajr in-nomina u kunsens tal-attur; (3)li jigu likwidati dawk id-danni kollha li jirrizulta li sofra l-attur b'rizultat tat-tnehhija irregolari, illegali u ingusta tieghu minn direttur u chairman u ghat-telf tal-kariga li kellu fis-socjeta konvenuta u b'rizultat tal-hatra irregolari ta' direttur li qieghed biex jirrapprezenta lill-attur bhala azzjonista tal-azzjonijiet fi klassi "A" meta tali direttur la gie nominat mill-attur u lanqas ghandu l-assens tal-attur u dan kollu anke bl-ghajnuna ta' periti nominandi u (4) li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet kontra l-konvenut nomine li gie ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Zammit ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Gazelle Couriers Limited nomine fejn gie eccepit:-

Illi id-domanda tal-attur ghanda tigi michuda peress illi hija infondata fid-dritt u fil-fatt stante preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni minhabba l-inadempjenza tal-pagamenti tad-dritt tar-Registru kif rikjest tassativament mill-Ligi.

Fit-tieni luog peress illi l-ewwel u t-tieni domandi huma gia sub giudice, f'kawza ohra bejn l-istess partijiet.
Fit-tielet luog illi in ogni kas il-konvenut mhuwiex responsabbli ghat-tnehhija irregolari tal-attur minn direttur u Chairman tal-kumpannija u ghalhekk mhux responsabbli ghall-pagament ta' danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Mejju 1994 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Richard Camilleri ghal-inkarigu tas-soltu u spejjez provisorjament ghall-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 1994 minn fejn jirrizulta li l-imsemmija nomina ta' perit legali giet revokata.

Rat li fil-kors tas-seduta tat-3 ta' Mejju 1995 gie nominat bhala peit legali l-avukat Dr. Marco Grixti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru 1996 minn fejn jirrizulta li l-perit legali nominat gie sostitwit u gie nominat minnflok l-avukat Dottor Ray Pace.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Frar 1997 minn fejn jirrizukltа li l-perit legali nominat rega gie sostitwit u gie nominat minnflok l-avukat Dottor Francesco Depasquale.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat li l-attur naqas li jippresenta n-nota responsiva tieghu u dan nonostante li nghata kull opportunita'.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2009 minn fejn jirrizulta li fil-kors tal-istess seduta d-difensur tal-attur ikkonferma li l-imsemmija nota responsiva kienet giet presentata. Jigi nnotat pero' li tali nota ma giet qatt inserita fil-process.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt**

Bil-presenti citazzjoni l-attur principalment qed jitlob li jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghat-tnehhija irregolari, illegali u ingusta tieghu mill-kariga ta' direttur u chairman tal-istess socjeta konvenuta u responsabbli ghar-rizultati u l-effetti kollha ta' tali tnehhija.

Apparti talbiet ohra l-attur qed jitlob li jigu likwidati d-danni sofferti minnu minhabba l-istess tnehhija.

Is-socjeta konvenuta rrispondiet ghat-talbiet tal-attur billi issottomettiet li hi mhux responsabbli ghat-tnehhija cosi detta irregolari tal-attur minn direttur u chairman tal-iustess socjeta'.

Jidher li l-attur tnehha minn direttur tas-socjeta konvenuta permezz tal-Form "K" li ntbaghtet lir-Registratur tas-socjetatijiet fit-8 ta' Novembru 1988 u fejn l-attur inghata avviż li b'effett mill-1 ta' Novembru 1988 huwa ma baqax jokkupa l-imsemmija kariga mas-socjeta' konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta' ligi**

Fit-tieni luog peress illi l-ewwel u t-tieni domandi huma gia sub giudice, f'kawza ohra bejn l-istess partijiet.
Fit-tielet luog illi in ogni kas il-konvenut mhuwiex responsabbli ghat-tnehhija irregolari tal-attur minn direttur u Chairman tal-kumpannija u ghalhekk mhux responsabbli ghall-pagament ta' danni.

Fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li c-citazzjoni tal-attur hi nulla billi ma thallsux il-pagamenti kollha tad-dritt tar-Registru. Kuntrarjament ghal dakli qed issostni s-socjeta' konvenuta jidher li tali hlassijiet saru. Inoltre l-artikolu 789 tal-Kapitolu 12, li jittratta dwar in-nullità ta' atti ġudizzjarji, ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "Francis Xavier sive Mose' Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina" deċiża fil-21 ta' Marzu 1988 li biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. Dawn huma principji li gew applikati mill-Qrati taghna tul is-snin, b'mod li fejn kien jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew xi haga kienet taghmel tajjeb ghal xi nuqqas fic-citazzjoni konsegwentement ic-citazzjoni m'ghandhiex tigi annullata. In vista tal-premess hu evidenti li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tugi rigettata.

Jidher li l-ewwel talba tal-attur gia giet deciza minn din il-Qorti f'kawza ohra bejn l-istess partijiet, u ċioe c-citazzjoni numru 1306/91, fejn il-Qorti ddikjarat li "t-tnehhija tal-attur minn direttur hija illegali u kontra il-ligi u tordna r-revoka tat-tnehhija tal-attur kif maghmula." Kwindi jirrizulta li l-ewwel talba tal-attur gia giet deciza u ghalhekk m'hemm xejn izjed x'jinghad dwar l-istess l-ewwel talba.

Fit-tieni talba tieghu, l-attur jitlob dikjarazzjoni ta' responsabblita tal-hatra irregolari ta' direttur li qieghed biex jirrapprezenta lill-attur bhala azzjonista tal-azzjoni fi klassi "A" meta tali hatra saret minghajr in-nomina u kunsens tal-attur.

Jista jinghad li anke t-tieni talba tal-attur gia giet deciza billi l-Qorti (diversament preseduta) ċaħdet it-talba tal-attur li kien qed jitlob li jigi dikjarat li n-nomina ta' direttur aret irregolarment stante li ma saritx skond it-termini tal-istatut tas-socjeta'. Fir-rigward tal-istess talba jingħad ukoll li ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament preseduta) fil-kawża l-ohra fuq ċitata illi l-attur la huwa azzjonista fis-socjeta konvenuta u lanqas ma huwa azzjonista fis-socjeta li hatritu bhala direttur tal-azzjonisti tal-klassi "A" fis-socjeta konvenuta. Kwindi l-attur ma setax jagħti l-kunsens tiegħu u lanqas seta' jintalab jaghti tali kunsens billi huwa ma kienx azzjonista fis-socjeta konvenuta.

Jonqos li tiġi kkonsidrata t-talba għal-likwidazzjoni tad-danni kollha li allegatament sofra l-attur b'rizultat tat-tnehhija "irregolari, illegali u ingusta" tieghu minn direttur u chairman u ghat-telf tal-kariga li kellu fis-socjeta konvenuta In effett l-attur ma pproducja l-ebda prova dwar id-danni allegatament sofferti minnu u dan minkejja illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta tissottometti li l-attur ikkawtela l-pretensjonijiet tieghu bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju (mandat numru 1998/92) ghal-ammont ta' Lm50,000

L-artikolu 122 tal-Ordinanza dwar il-Kumpaniji (li hija l-liġi applikabbli f'dan il-każ stante illi dak li jilmenta minnu l-attur ġara qabel daħlet fis-seħħ il-liġi l-ġdida) jipprovdi li kull direttur seta' jitnehha minn dik il-kariga, anke jekk ikun

nominat ghal ħajtu kollha, purche’ tghaddi rizoluzzjoni ordinarja f’dan is-sens f’laqgha tal-azzjonisti imsejha ghal tali skop. It-talba ghall-laqgha biex jitnehha direttur mill-bord ta’ socjeta kummercjali issir mill-azzjonisti. Imbagħad is-socjeta ghandha issejjah laqgha u d-direttur ghandu d-dritt li jattendi u jinstema’ fl-istess laqgha. Ir-rieda tal-maggoranza tal-azzjonisti ghandha tipprevali fuq is-socjeta’. F’każ illi d-direttur jitnehha u dak id-diretur ikun gie nominat minn klassi ta’ azzjonisti, (kif inhu il-kaz tal-attur illi  gie nominat mil-klassi “A” tal-azzjonisti ) l-istess klassi tista teleggi jew l-istess direttur jew direttur iehor biex tkompli ikollha raprresentanza fuq il-bord tad-diretturi.

Il-klawsoli (8), (9) u (10) tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta konvenuta  jgħidu hekk:- “The management and administration of the company’s affairs are entrusted to a board of directors consisting (unless and until otherwise determined by the company in general meeting) of four directors, two being nominated and appointed to represent “A” shareholders and two being nominated and appointed to represent “B” shareholders.” “The directors shall appoint one of their body to be the chairman of their meetings of shareholders and the chairman so appointed shall hold office for a period of two years from date of appointment; provided that the chairman shall alternate every two years and shall be a director representing alternatively “A” and “B” shareholders respectively.” “A director shall hold office for the period stated by the shareholders appointing him; in the event that no such period is stated, the period of his appointment shall be for one year. Every director including the chairman may be removed or replaced by the shareholders appointing. This may be effected by a letter addressed to the chairman, or if the chairman’s post is vacant, to the Board of directors.”

Kif gia gie rilevat l-attur tnehha minn direttur tas-socjeta konvenuta permezz tal-Form “K” li ntbaghtet lir-Registratur tas-Socjetatijiet fit-8 ta’ Novembru 1988 fejn inghata avviż li b’effett mill-1 ta’ Novembru 1988 l-attur ma baqax jokkupa dik il-kariga u li l-kariga ta’ Chairman tas-socjeta’ giet tvesti fil-persuna ta’ M. El Busefi. Pero’ jirrizulta li l-

attur  tnehha minn direttur mill-klassi ta’ ishma li eleggitu u mhux mis-socjeta konvenuta. Socjeta kummercjali la tnehhi u lanqas tappunta diretturi fiha innifisha. l-azzjonisti jinnominaw u jneħħu diretturi. Kwindi is-socjeta konvenuta ma tistax tinżamm responsabbli għal xi tnehhija mill-kariga ta’ direttur allegatament ingusta u irregolari. In virtu’ ta dak kollu li ntqal it-tielet u r-raba talba għandhom ukoll jiġu miċħuda. Konsegwentement ukoll għandha tiġi akkolta t-tielet eċċezzjoni tas-socjeta’ konvenuta fis-sens li hi mhux responsabbli ghat-tnehhija irregolari tal-attur minn direttur u Chairman tal-kumpannija u kwindi mhux responsabbli ghall-pagament ta’ danni.

In vista ta dak kollu li gie premess it-talbiet tal-attur jimmeritaw li jigu rigettati.

Ghal dawn ir-ragunijiet kolha:-

Tiddeciedi billi tilqa t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjez kollha jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------